# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 19 ta' Mejju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 478/2018 TA**

**Samuel Lawrence Zarb (667759M)**

**vs**

**Continental Cars Limited (C2840), u**
**Mizzi Automotive Services Limited (C23949)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Samuel Lawrence Zarb (l-Attur) tas-16 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**1.** "Illi permezz ta' ftehim datat 2 ta' April 2008 ir-rikorrenti akkwista mingħand is-soċjeta intimata Contintental Cars Ltd il-vettura tal-għamla Volkswagen Jetta, order ref 6078, versu l-prezz ta' sitta u għoxrin elf u ħames mitt euro (26,500) bħala waħda ġdida [kopja tal-ftheim qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A];

**2.** Illi l-imsemmija vettura ġiet konsenjata lir-rikorrenti nhar l-14 ta' April 2008;

**3.** Illi ftit snin wara u ċioe għal ħabta ta' Frar 2012, beda ħiereġ raxx tas-sadid fil-qafas estern u intern tal-vettura;

**4.** Illi s-soċjeta intimata Continental Cars Ltd aċċettat li kienet responsabbli għat-tiswija tal-istess vettura u inkarigat lis-soċjeta intimata Mizzi Automotive Services sabiex isiru r-riparazzjonijiet neċessarji;

**5.** Illi saru diversi tentattivi għat-tiswija inkluż alterazzjonijiet fil-vettura mingħajr l-għarfien tar-rikorrenti, iżda s-sadid xorta waħda baqa jippersisti;

**6.** Illi konsegwentement it-tiswijiet mwettqa mill-intimati mhux talli ma kinux effettivi talli għamlu ħsarat fil-vettura;

**7.** Illi jiġi wkoll rilevat illi mill-aħħar intervent li sar mis-soċjetajiet intimati saru diversi laqgħat u diskussjonijiet mal-istess soċjetajiet intimati bil-għan illi tiġi riżolta darba għal dejjem din il-problema affacjata mir-rikorrenti;

**8.** Illi s-soċjetajiet intimati baqgħu qatt ma offrew soluzzjoni konkreta lir-rikorrenti sabiex tiġi riżolta il-problema tas-sadid;

**9.** Illi l-intimati ġew debitatament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali numru[ 4655/17] sabiex jersqu għal likwidazzjoni tad-dannu soffert mir-rikorrenti iżda naqsu milli jagħmlu dan;

**10.** Illi għaldaqstant kellha ssir l-odjerna kawża;

Għaldaqstant in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, salv kwalunkwe provvediment li jidrilha xieraq u opportuni jogħġbha;

**1.** Tiddikjara lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

**2.** Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti;

**3.** Tordna lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru[4655/17 issa inġunti in subizzjoni]".

Rat ir-risposta maħlufa tas-Soċjeta' konvenuta Continental Cars Ltd (is-Soċjeta' konvenuta Continental) tal-21 ta' Gunju 2018 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

**1.**"Illi preliminarjament t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost, kif ukoll mingħajr preġudizzju għar-riservi li għandha l-istess soċjetá intimata dwar il-kawża tas-sadid fil-vettura imsemmija, u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti stante illi r-rikorrenti ngħata diversi soluzzjonijiet liema soluzzjonijiet huwa rrifjuta li jaċċetta;

**3.** Illi s-soċjetá intimata offriet lir-rikorrenti iktar minn soluzzjoni waħda, fosthom soluzzjonijiet illi jmorru lil hinn mid-drittijiet li l-istess rikorrenti jista' qatt ikollu skont il-liġi kif ukoll skont il-garanzija kummerċjali tal-istess vettura;

**4.** Illi kif diġa ġie espost iktar il-fuq, hemm suspetti serji illi r-raxx tas-sadid fil-vettura in kwistjoni ġie ikkawżat minħabba ċirkustanzi attribwibbli lill-istess rikorrenti;

**5.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi".

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Mizzi Automative Services Ltd (is-Soċjeta' konvenuta Mizzi) li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjeta esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi mhijiex il-leġittimu kontraditur u dan stante illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà esponenti;

2. Illi barra minn hekk, u b'mod preliminari, t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost, u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti għal raġunijiet stante illi x-xogħolijiet li saru fuq il-vettura huma skont is-sengħa u l-arti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-liġi".

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha tal-partijiet.

Qrat in-noti rispettivi tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-Kawża tħalliet għal lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

L-Attur xtara u akkwista mingħand is-Soċjeta' konvenuta Continental, karozza tal-marka Volkswagen Jetta versu l-prezz ta' sitta u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€26,500). Dan sar bis-saħħa ta' ftehim tat-2 ta' April 2008 li fost oħrajn

hemm inkluża fih il-garanzija kontra ħruġ tas-sadid (a' fol 4). Il-vettura ġiet ikkonsenjata u allura fil-pusses tal-Attur, fl-14 ta' April 2008.

Kien għal ħabta ta' Frar 2012, meta l-Attur irrejalizża li beda jfeġġ speċi ta' raxx ta' sadid, kemm fuq barra u kif ukoll fuq ġewwa ta' din il-vettura. Is-Soċjeta' konvenuta Continental daħlet f'diskussjonijiet mal-Attur biex tiġi indirizzata din il-problema. Kien għalhekk li ġiet inkarigata s-Soċjeta' konvenuta Mizzi, biex twettaq xogħolijiet ta' tiswija b'konsegwenza ta' dan is-sadid. Dawn it-tentattivi biex jindirizzaw il-problema baqgħu jsiru fuq medda ta' żmien.

Minkejja diversi laqgħat u interventi biex tiġi indirizzata din il-problema kollox safa fix-xejn tant li l-Attur kien kostrett li qiegħed ifittex b'din il-Kawża. Id-danni huma b'konsegwenza kemm tad-difett fil-materjal innifsu tal-vettura u kif ukoll minħabba interventi ħżiena fuq il-vettura, liema interventi kienu maħsuba li jindirizza u jeliminaw il-problema.

**<u>Punti ta' liġi:</u>**

B'din il-kawża l-Attur qiegħed ifittex għad-danni lis-Soċjetajiet konvenuti. Mit-talbiet Attriċi kif formulati jirriżulta b'mod ċar, li l-azzjoni hija dik ġenerali u mhux marbuta ma' xi waħda mill-azzjonijiet partikulari li jagħti l-Istitut tal-bejgħ fil-każ ta' difetti moħbija, paċifiku pussess jew tal-kwalita' pattwita.

Bl-azzjoni kif proposta, l-Attur qiegħed jitlob id-danni mingħajr ma ntalbet dikjarazzjoni ta' nullita` tal-kuntratt ta' bejgħ. Ordinarjament min ma jkunx sodisfatt bl-oġġett li xtara, huwa għandu għażla ta' azzjonijiet li jista' jeżerċita taħt l-Istitut tal-bejgħ kif regolat mill-Kodiċi Civili. Fil-każ li min qed jixtri jintebaħ

li l-ħaġa li qiegħda tiġi kkonsenjata lilu mhix tal-kwalita` mwegħda jew mhux skont il-kampjun muri lilu, huwa jista' jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew jirċeviha iżda jitlob it-tnaqqis fil-prezz fuq stima tal-periti (Artikolu 1390 tal-Kodiċi Civili li qiegħed taħt it-titolu VI ta' Bejgħ, Sub-titolu IV "Fuq l-Obbligi tal-Bejjiegħ"; § I. Fuq il-Kunsinna).

Din l-azzjoni, hija marbuta mal-mument tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ (ara s-**Sentenza tal-Prim'Awla tat-12 ta' Lulju, 2019, fl-ismijiet Dr. Louis Buħaġiar -vs- UCIM Co. Limited)**. Id-dmir tal-venditur li jikkonsenja l-ħaġa bil-kwalitajiet kollha maqbula bejnu u l-kompratur ma toħroġx biss ex lege, iżda tista' toħroġ ukoll minn ftehim u għalhekk in-nuqqas ta' kwalita` miftehma jagħti lok għal azzjoni wkoll taħt il-garanzija kuntrattwali (ara s-**Sentenza tal-Prim'Awla tal-24 ta' Novembru 2017, fl-ismijiet Adrian Theuma vs RLR Limited**).

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ċertament ma hiex qiegħda tkun eżerċitata din l-azzjoni. L-azzjoni li tagħti il-liġi taħt artikolu 1390 tal-Kodiċi Civili twassal sabiex jiġi xolt il-kuntratt u jingħata l-prezz lura lix-xerrej jew li jżomm l-oġġett, f'dan il-każ vettura, u jitlob *tnaqqis fil-prezz*. Imma l-Attur f'din il-Kawża ma hu qiegħed jagħmel ebda waħda minn dawk it-talbiet. Dak li qed jitlob l-Attur f'din il-kawża hu li jżomm il-vettura u jitlob id-danni, Konsegwenza li ma hiex prevista fil-liġi fil-każ ta' oġġett li mhux tal-kwalita' pattwita anke jekk fl-ittra uffiċjali tal-15 ta' Diċembru 2017, l-Attur jagħmel referenza għal dan (ara fol5).

Fil-każ li jiġu allegati difetti moħbija fl-oġġett mixtri, ir-rimedji kontemplati fil-liġi huma dawk magħrufa bħala l-azzjoni redibitorja u dik estimatorja. Meta il-kompratur isir jaf b'xi difett fl-oġġett mixtri, huwa jista' jew li jżomm l-oġġett

akkwistat u jiddomanda tnaqqis fil-prezz (*actio aestimatoria*) skont l-Artikolu 1424 tal-Kodiċi Civili. Alternattivament ix-xerrej jista' jagħżel li jagħmel l-azzjoni redibitorja maħsuba fl-Artikolu 1427 tal-Kodiċi Civili fejn fil-waqt li jagħti lura l-ħaġa mixtrija jitlob ukoll ir-radd lura tal-prezz. F'dan l-aħħar każ, il-liġi tikkontempla wkoll li jitħallsu danni lix-xerrej, f'każ li jirriżulta li l-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa (Artikolu 1429 tal-Kodiċi Civili).

Bosta huma dawk is-Sentenzi li jsostnu li *"F'kaz ta' difett f'oggett mibjugh, ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni. Hu jista' jirrifjuta dik il-merkanzija jew sahansitra jzommha bi prezz aktar baxx u f'kaz li n-nuqqas tal-bejjiegh jkun danni, jitlob li jigi risarcit"*. ( ara **Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Buffa -vs- Roger Satariano and Sons Ltd, tal-11 ta' Gunju, 1997**).

Pero' kif ser jingħad aktar 'l isfel, li kull każ irid jittieħed għalih fis-sens, li jrid ukoll jitqies dak li jkunu ftemhu il-partijiet bil-ftehim diġa' imsemmi.

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

*<u>L-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta Mizzi li ma hiex il-legittima kontradittrici.</u>*

Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra qabel xejn l-eċċezzjoni tas-Soċjeta konvenuta Mizzi li ma hiex il-leġittima kontraditriċi għat-talbiet tal-Attur.

Dak li għandu jkun kkunsidrat hu, jekk *prima facie*, persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-Attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata tista' titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa (ara fost oħrajn **Sentenza fl-ismijiet Frankie Refalo et -vs- Jason Azzopardi et deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell**)..

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti. Minn eżami tal-ftehim tat-2 ta' April 2008, is-Soċjeta' Konvenuta Mizzi ċertament ma kienitx parti għalih. Dan huwa l-kuntratt li fuqu hija prinċipalment kostruwita l-azzjoni tax-xorta *ex contractu* kif indikat aktar 'l fuq. Dak li qed jikkontendi l-Attur fir-rigward ta' din is-Soċjeta' jiddependi minn min ġiet inkarigata.

Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2019 xehed Sandro Cauchi, General Manager, tas-Soċjeta' konvenuta Continental. Minn din ix-xhieda jirriżulta, li l-Attur ma kienx kuntent bix-xogħol li għamlet is-Soċjeta' konvenuta Mizzi u saħansitra stiednuħ li jmur isewwi għand ħaddieħor (a' fol 350). Fir-rikors ġuramentat l-istess Attur jiddikjara li s-Soċjeta' konvenuta Continental "<u>inkarigat </u>lis-Soċjeta' intimata Mizzi Automotive Services sabiex isiru r-riparazzjonijiet neċessarji". (Ara raba' premessa. Emfażi ta' din il-Qorti).

Dan ifisser li l-inkarigu lis-Soċjeta' konvenuta Mizzi univokament ingħata mis-Soċjeta' konvenuta l-oħra. Di piu,' kull ħlas kienet ser tagħmlu s-Soċjeta' konvenuta Continental. Fi ftit kliem, is-Soċjeta' konvenuta Mizzi, għalkemm tassew kellha tagħmel xogħolijiet ta' riparazzjonijiet għall-benefiċċju tal-Attur,

twieġeb għal kwalita' tax-xogħol li wettqet lis-Soċjeta' l-oħra. Dan ifisser, li jekk b'konsegwenza ta' dawn ix-xogħolijiet l-Attur soffra danni, dawn ukoll għandha tagħmel tajjeb għalihom is-Soċjeta' konvenuta Continental, u jekk qatt, titlob rivalsa tal-ħlas mingħand is-Soċjeta' konvenuta Mizzi.

Fil-ftehim fuq isemmi, is-Soċjeta' konvenuta Continental ma deheritx ukoll għas-Soċjeta konvenuta Mizzi. Il-fatt li din tal-aħħar ġiet inkarigata biex tagħmel it-tiswijiet ma jfissirx għalhekk li din daħlet fin-negozju ġuridiku mal-Attur. Għax-xogħol ħażin li twettaq, jagħmel tajjeb għalih min ikun taħa l-inkarigu. Li kieku min kellu jagħmel ir-riparazzjonijiet ġie inkarigat mill-Attur, anke kieku l-ispejjeż xorta kienet ser tħallashom is-Soċjeta' konvenuta Continental, kienet tkun storja oħra. F'dan il-każ min jagħmel ix-xogħolijiet riparatorji kien iwieġeb għax-xogħolijiet magħmula lill-Attur u mhux lis-Soċjeta' konvenuta Continental.

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' konvenuta Mizzi ser tintlaqa' u konsegwentement ser tkun illberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

*<u>L-azzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti</u>*

Fid-dawl ta' dak fuq spjegat, ikun għalhekk utili, li jiġi stabbilit ix-xorta ta' azzjoni.

F'dan il-każ, l-Attur qiegħed jippretendi li is-Soċjetajiet konvenuti jridu jwieġbu għall-ħsara li sofra bi ħtija tagħhom *ex-contractu* fid-dawl tal-garanzija kuntrattwali, mogħtija fi klawsola 3(a) tal-ftehim datat 2 ta' April 2008 (a' fol 4) u speċifikament "*in the case of rust in which ever part of the vehicle*".

Di fatti anke l-istess eċċezzjonijiet tas-Soċjetajiet konvenuti, in kwantu jirrigwarda l-preskrizzjoni, huma bbażati fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Civili u

mhux fuq artikolu 1407 jew dawk tal-azzjonijiet redhibitorji taħt l-Istitut ta' bejgħ. B'hekk, anke l-konvenuti qegħdin jirrikonoxxu li l-azzjoni esperita mill-Attur hija waħda imsejsa fuq il-kuntratt u mhux fuq xi waħda minn dawk l-azzjonijiet li joffri l-Istitut tal-bejgħ, altrimenti kienu jeċċepixxu d-dekadenza u mhux il-preskrizzjoni.

F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell kellha okkażjoni biex tippronunzja ruħha dwar dan billi ddistingwiet bejn il-garanzija taħt artikolu 1407 tal-Kodiċi Civili u garanzija kuntrattwali bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti (ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tal-24 ta' Novembru 2017, fl-ismijiet Adrian Theuma -vs- RLR Limited**).

F'istadju il-Qorti trid tippuntwalizza żewġ osservazzjonijiet li jispjegaw il-Qrati tagħna f'każijiet simili għal dawk tal-Kawża odjerna. Jibda biex jingħad li fl-Istitut tal-bejgħ huwa dejjem l-obbligu ta' min ibiegħ li jaċċerta li l-oġġett li qed jinbiegħ huwa fi stat tajjeb u idoneju għall-użu li għalih qiegħed jinxtara. Il-bejjiegħ irid dejjem jimxi in bona fede u mhux jagħmel ta' bir-ruħu li ma jafx bin-nuqqasijiet li fih il-prodott. Il-piż li l-oġġett huwa tajjeb jaqa' dejjem fuq spallet il-bejjiegħ salv għal dawk iċ-ċirkostanzi fejn ix-xerrej icto okuli seta' jintebaħ bin-nuqqasijiet u difetti tal-oġġett (Vide **Appell Civili fl-ismijiet Odette Grixti et -vs- Mario Rogers deċiż fis-6 ta' Frar 2015** u **Sentenza tal-PA fl-ismijiet Carmelo Barbara -vs- Joseph Camenzuli, deċiża fl-20 Ottubru 2005**).

It-tieni osservazzjoni tirrigwarda d-dritt tal-partijiet li jistgħu ivarjaw ir-rimedji legali fil-każ ta' bejgħ billi jestendu jew iżidu mar-rimedji legali bi ftehim għaldaqshekk (ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Gunju 2014 fl-**

**ismijiet Richard Curmi et -vs- Liaco Limited**). Ma hemm xejn fl-Istitut tal-bejgħ li jipprikludi taħt piena ta' nullita' li l-partijiet jifthemu mod ieħor. Per eżempju taħt l-Istitut tal-emfitewsi din il-preklużjoni isibuha f'artikolu 1499 tal-Kodiċi Civili. Fis-**Sentenza tal-Prim'awla Qorti civili fl-ismijiet Adrian Theuma -vs- RLR Ltd tal-24 ta' Novembru 2017** il-Qorti ukoll kellha sitwazzjoni fejn kienu qed jintalbu danni mingħajr it-tħassir tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' kwalita' pattwita. Fil-fatt ġie osservat li l-kliem "kwalità pattwita" ma huwiex xi kliem sagramentali li minnufiħ jitfa' l-azzjoni taħt l-art. 1390. L-obbligazzjoni tal-bejjigħ li jikkonsenja l-ħaġa bil-kwalitajiet kollha miftiehma bejnu u x-xerrej ma toħroġx biss minn artikolu 1390 tal-Kodiċi Civili. Il-Qorti osservat li n-nuqqas ta' kwalità miftiehma jagħti azzjoni kemm taħt l-art. 1390 u kemm taħt il-garanzija kuntrattwali. Dan huwa fil-fatt li għandha quddiemha din l-Qorti.

Dan ifisser, li l-azzjoni tal-Attur hija imsejsa fuq il-garanzija kummerċjali u kuntrattwali li tinsab fil-klawsola 3 tal-ftehim tat-2 ta' April 2008 (a' fol 4).

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt artikolu 2153 tal-Kodiċi Civili.*

Jibda biex jiġi osservat, li filwaqt fl-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ġiet biss sollevata l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Civili, fin-nota ta' osservazzjonijiet ingħata ukoll il-preskrizzjoni taħt artikolu 2156(f) tal-istess Kodiċi.

Il-Qorti ma tara sewwa xejn li eċċezzjoni li ma ingħatax fil-bidu, anke jekk si tratta ta' preskrizzjoni, tingħata a sorpresa fin-nota ta' osservazzjonijiet, tant li l-

Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu ma indirizzax din ix-xorta' ta' preskrizzjoni. Intqal li "*l-argument legali dedott fin-nota, u mhux bħala eċċezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp proċedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti attriċi, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizżat fuq il-proċeduri 'in corso'*." (Ara **Sentenzi dik tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet A.Christina -vs- E Mizzi tas-27 ta' Marzu 2003; tas-16 ta' Marzu 2004 , Appell Ċivili fl-ismijiet Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina ; ukoll tas-27 ta' Marzu, 2003,Appell Ċivili fl-ismijiet Anthony Christina f'ismu proprju u bħala kap et -vs- Eleonora Mizzi et**; **Sentenza tal-1 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet David Inglott et -vs- Christopher u Shirley konjuġi Scerri, Prim Awla Qorti Civili**.) Hija regola stabbilita wkoll li, f'azzjoni ta' xejra ċivili, il-Qorti għandha tistħarreġ biss l-eċċezzjoni li l-parti mħarrka tkun qajmet u m'għandhiex tagħti effett lill-preskrizzjoni li parti ma tkunx qajmet (**Appell Inferjuri tat-3 ta' Diċembru 1975 fl-ismijiet Paul Xuereb vs Amabile Fiott**).

Di piu' huwa ukoll kontradittorju li filwaqt li teċċepixxi il-preskrizzjoni taħt artikolu 2153, li jirrigwarda ħsarat naxxenti minn għemil kważi delittwali u fl-istess ħin teċepixxi ukoll dik taħt artikolu 2156(f) li hija relatata ma' vari obbligazzjonijiet, fost oħrajn kummerċjali. Di piu', Il-konvenuti ma jistgħux ibiddlu il-linja difensjonali b'mod daqstant erratiku biex jipprovaw jolqtu kull eventwalita. Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna li *selecta una via non datur recursus ad alteram* (ara **Vol XLIII Pt.I pg 55**).

Għalhekk il-Qorti ser tkun qiegħda tqies din l-eċċezzjoni taħt artikolu 2153 tal-Kodiċi Civili li tgħid hekk:

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn*.

Din hija preskrizzjoni estintiva u biex tirnexxi trid titnissel minn għemil kważi delittwali. Kif ingħad aktar il' fuq, l-Attur l-azzjoni tiegħu hija bbażata fuq il-garanzija mogħtija lilu bil-ftehim imsemmi, fil-każ li joħroġ is-sadid. Il-Qrati tagħna dejjem sostnew illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, hija applikabbli għad-danni extra-kontrattwali, jiġifieri d-danni illi jirriżultaw mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni iżda *ex delicto vel quasi*.

Kif jirriżulta anke mill-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat. L-Attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-kuntratt u li għal fatt li minkejja kull tentattivi s-sadid baqa' jippersisti. Għalhekk huwa ċar, li l-attur qiegħed jistrieħ fuq inadempjenza kuntrattwali u mhux danni kawżati minn għemil extra kuntrattwali. Il-fatt li s-sadid baqa' jippersisti u li di piu', saret ħsara minn min fuq inkarigu tas-Soċjeta' Continental, ma jidhirx li għamel xogħolu sewwa, huwa ċar li l-Attur qiegħed jaddebita lis-Soċjeta' Konvenuta Continental inadempjenza kuntrattwali u mhux kważi delittwali.

Apparti dan, it-trattativi bejn il-partijiet baqgħu għaddejjin is-snin. Skont Maurizio Micallef, sal-2016 dawn kienu għadhom għaddejjin. Dan ix-xhud jgħid ukoll li kien l-obbligu tal-Konvenuta Continental li tibqa' tipprova biex issewwi il-vettura (ara xhieda Maurizio Micallef a' fol 380 tergo u 382). Di piu' minn email datata

31 ta' Ottubru 2016, Ann Aguis, impjegata mas-Soċjeta konvenuta Continental, ikkonfermat lill-Attur li kellha issir laqgħa miegħu fit-2 ta' Novembru 2016 (a' fol 160). Din il-Kawża ġiet preżentata fis-16 ta' Mejju 2018. Dan biex ma jingħadx ukoll illi Sandro Chetcuti, General Manager mas-Soċjeta' konvenuta Continental xehed li l-garazija kontra s-sadid kienet ta' 12-il sena! (ara a' fol 351 tergo).

Għalhekk kieku kien hemm xi xorta ta' preskrizzjoni din kienet għadha ma għaddietx u li fi kwalunkwe każ kienet ċertament sospiża għaliex l-artikolu 2125(d) jiddisponi b'mod mill-aktar ċar li *kwantu għal azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmien qabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi wħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin.*

Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

*Il-mertu*

Fis-sewwa dwar il-mertu ftit hemm xi tgħid. Irriżulta b'mod ċar li il-vettura mertu tal-Kawża hija effetta minn difett fil-pjanċa u li l-interventi li saru flok irranġaw id-difett to accept the exercise of this discretion as final and absolute. Klawsola 3(a) tal-ftehim tiddisponi li "*However in the case of rust in whichever part of the vehicle, owner reserves the right to remedy the matter at his complete and absolute discretion. The buyer hereby binds himself/herself to accept the exercise of this discretion as final and absolute and that he/she shall have no recourse against the owner once this discretion has been exercised*".

Il-Qorti tibda biex tirrileva li klawsola bħal din li tħalli fid-diskrezzjoni assoluta ta' parti għall-kuntratt hija fl-essenza tagħha odjuza. Din il-klawsola ma għandiex iċċaħħad lill-parti l-oħra milli teżerċita' id-drittijiet leġittimi tagħha skont il-liġi fl-eventwalita' ta' inadempjenza kuntrattwali. Klawsola bħal din ma għandha qatt tintuża sabiex parti tkun f'pożizzjoni dominanti fis-sens li tneżża' lil dak li jkun milli leġittimament jeżerċita' id-drittijiet tiegħu, kif bħal donnu qiegħda targumenta is-Soċjeta' konvenuta Continental fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha (a' fol 460). F'każ simili għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti intqal, li "*Għalkemm mill-klawsola suċitata jidher li r-rimedju li għandu jingħata kienet kompletament f'idejn il-bejjiegħ, dan ma jfissirx li x-xerrej tilef il-jeddijiet mogħtija lilu bil-liġi*" (Ara tal-**Prim'Awla per Imħallef Robert Mangion tat-28 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet Paul Sultana -vs- Nissan Motor Sales Limited**).

Is-Soċjeta' konvenuta Continental targumenta ukoll, illi ġaladarba dejjem offriet li twettaq ix-xogħolijiet neċessarji, l-obbligi kuntrattwali tagħha taħt il-ftehim wettqithom. Għalhekk ma jkunx ġust li tinstab responsabbli għad-danni (ara nota ta' osservazzjonijiet a' fol 465). Huwa minnu li din il-konvenuta offriet dawn is-servizzi, kif wara kollox kienet obbligata li tagħmel, iżda il-problema tas-sadid qatt ma ġiet risolta. Għalkemm huwa minnu li fi klawsola 3a tal-ftehim, refgħet ir-responsabbilita li ssewwi f'każ ta' sadid, dan ma jfissirx li jekk minkejja kull intervent li tkun għamlet, allura għandha tkun esonorata mill-obbligi kuntrattwali tagħha. Jekk minkejja l-interventi, il-problema ma tiġix eliminata, trid twiegħed qua bejjiegħ għad-defiċjenza tal-prodott. Jekk il-prodott ħareġ difettuż mill-

fabbrika sta għalija li tirrisolvi l-problema mal-produttur. Il-garanzija ma hiex li ssewwi biss iżda il-konklużjoni loġika hi li s-sadid jiġi eliminat.

Jirriżulta ukoll li is-Soċjeta konvenuta Continental saħansitra offriet li tagħti lill-Attur karozza oħra iżda billi jħallas id-differenza fil-valur (ara xhieda Maurice Mizzi a' fol 188 tergo). Għal din il-proposta l-Attur esklama hekk "….*mela jien ser nerga' nohrog il-flus meta jiena ma ghandiex tort*" (a' fol 26). Li saret offerta kienet ħaġa tajba, iżda l-anqas ma jfisser li jekk ma tiġix aċċetata jkun ifisser li dak li jkun jitlef id-drittijiet kollha tiegħu taħt il-liġi. Fis-Sentenza fl-ismijiet Mary Ann Guercio -vs- UCIM Co Ltd tas-6 ta' Ġunju 2008 il-Qorti rriteniet li "Huwa veru li s-soċjetà appellanti offriet lill-attriċi riduzzjoni ta' ħmistax fil-mija fuq il-prezz ta' l-isteering wheel u l-kost tax-xogħol, iżda, kif jinsab ukoll ritenut, "l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma għandhomx l-effikaċja li jinterrompu l-preskrizzjoni jew l-effikaċja tar-rikonoxximent tad-dejn għaliex proposti simili jsiru mingħajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (**Neg. Carmelo Chetcuti et. vs. Neg. Costantino Balzan et., Appell Kummerċjali, 3 ta' Frar, 1950**).

Barra minn hekk l-offerta kienet li l-Attur joħroġ somma adizzjonali. Hadd ma hu qiegħed fil-but ta' ħadd għax wara kollox huwa l-individwu li jaf sa fejn jista' jwassal butu. Apparti dan, wara snin ta' skariġġ ġej u sejjer biex jipprova jsewwi din il-vettura tlett snin biss wara li ħarġet fit-triq sakemm saret din il-Kawża, ma hiex proposta ġusta li joħroġ aktar flus, anke jekk kif xehed Maurice Mizzi, li kienu lesti jagħtuh oħra b'kemm ġiet lilhom (*at cost price*)(a' fol 188 tergo).

*Il-ħsara*

Dwar il-ħsara sofferta mill-Attur ftit hemm xi tgħid. L-atti jitkellmu weħidhom. Biżżejjed wieħed jara l-ammonti ta' ritratti esebiti li bl-aktar mod ċar juru li l-pjanċa tal-vettura hija marida (a' fol 29 sa 102). Il-Qorti ħatret ukoll espert tagħha u l-konklużjoni tiegħu ftit li xejn jistħoqqilha kummenti:

"The vehicle is covered by a 12-year rust guarantee which guarantee has now expired leaving the owner exposed. The rust issue may be an ongoing process moreover when the first indications came about in 2012-2013, midway through the guarantee period. One should also consider that in fact the rust guarantee was utilized and repairs attempted several times. I must also add that should the right repair method had been applied any superficial rust issues would have been resolved. This leaves us with either a serious underlying rust issue, bad workmanship when repairing or both. The detachment of the roof lining, central locking issue, the peeling of components and, as declared by Mr Samwel Lawrence Zarb himself, windscreen damage at such an early stage does not augur very well and highly suggest that the vehicle had been idle for a lengthy period of time and exposed to damaging conditions such as high humidity or repeated dew. It is hard for me to draw a head-on conclusion since the issue has been long dragging. however, I am of a solid opinion that the vehicle, at present, still requires bodywork repairs. The history of past repairs and future repairs would have incurred and will incur an increased depreciation negatively effecting salability and Mr. Samwel Lawrence Zarb should be compensated for this. The rust issue remains the larger concern which supersedes any normal wear and tear issues which had manifested and resolved or are still in manifestation".

F'rapport addizjonali l-istess perit ikkonkluda hekk:

"*Total cost. As in quantification as requested by this honorable Court, **without other and exceptional discoveries would quantify at Eur 8666. plus vat***."

L-istess perit jagħmel anke jaċċenna għall-problemi oħrajn li jistgħu jiġu riskontrati fil-ġejjieni, inkwantu li l-problema f'din il-vettura hija rikorrenti. Dan ifisser, li l-ammont imsemmi minnu huwa biss dwar dak li jidher illum. Huwa raġjonevolment mistenni li l-Attur ser ikompli jibqa' jtabbab bil-problema. Minn eżami tal-provi u dokumenti fil-kawża, huwa ċar li l-pjanċa ta' din il-vettura hija

marida. Għalhekk, ikun ġust, li apparti is-somma fuq imsemmija, l-Attur jistħoqqlu wkoll somma oħra.

Artikolu 1135 tal-Kodiċi Civili jistabilixxi li d-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-*telf* li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef . Bi qiegħ imtellef din il-Qorti tifhem, li din frażi tinkludi ukoll infieq ta' flejjes fil-futur li l-kreditur ikollu jagħmel u li għalhekk ser jitnaqqas mill-patrimonju tiegħu. Dan huwa l-prinċipju ta' "*compensatio lucri cum danno"* li jinneċessita` rabta ma' l-anteċedenti li jkunu taw lok għad-dannu. Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li l-infieq li ser ikollu jagħmel l-Attur huma kjarament marbuta u legati mal-anteċedent f'din il-Kawża u ċioe' is-sadid u x-xogħol ħażin li sar fuq il-vettura, liema xogħol, kif fuq spjegat trid twieġeb għalih is-Soċjeta' konvenuta Continental.

Il-Qorti ma għandhiex fl-atti dwar x' jistgħu jkunu dawn id-danni oħrajn. Il-perit tal-Qorti ma ta ebda ċifra għalkemm aċċenna għalihom fl-aħħar rapport addizjonali tiegħu. B' dana kollu dan ma jfissirx li din il-Qorti ma hiex munita bl-għodda legali apposita biex tkun tista' tindirizza dan il-kweżit. Il-Qorti dejjem tista' f'ċerti ċirkostanzi takkorda d-danni *arbitrio boni viri* . Fis-Sentenza mogħtija fil-kawża **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited (1560/95 PS)** intqal li ma "*jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti m'hijiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-*

*fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop ta' determinazzjoni ta' telf. Minn naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess. Il-Qorti f'din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii paġna 615 u Vol XXIX-i-1285."*

Għalhekk abbażi ta' dan il-prinċipju jkunu ekwu u ġust li tillikwida somma oħra minħabba r-raġunijiet fuq spjegati. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tillikwida *arbitrio bon viri* is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) oltre s-somma li wasal għaliha il-Perit tal-Qorti. Dan ifisser, li l-ammont sħiħ li għandha tħallas is-Soċjeta' Konvenuta Continental huwa dak ta' għaxart elef sitt mija u sitta u sittin ewro (€10,666).

Il-Qorti ma tarax li għandha tipprovdi għal ħlas ta' VAT kif indika il-perit tal-Qorti peress li si tratta ta' danni.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tas-Soċjeta' Konvenuta Mizzi u tillibera mill-osservanza tal-Gudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** fil-konfront tas-Soċjeta' konvenuta Continental.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni fl-ammont ta' għaxart elef sitt mija u sitta u sittin ewro (€10,666).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta Continental tħallas dan l-ammont, bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta Continental ħlief dawk tas-Soċjeta' konvenuta Mizzi. L-ispejjeż ta' din tal-aħħar għandhom jinqasmu nofs bejn l-Attur u s-Soċjeta' konvenuta Continental.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat reġistratur**